



Dokument ta' sessjoni

A9-0167/2024

9.4.2024

RAPPORT

dwar it-talba għat-tnejhija tal-immunità ta' Nils Ušakovs
(2023/2091(Imm))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Gilles Lebreton

WERREJ

Paġna

| | |
|--|---|
| PROPOSTA GĦAL DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW..... | 3 |
| ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPOREUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM | 6 |
| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI..... | 7 |

PROPOSTA GĦAL DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar it-talba għat-tnejħija tal-immunità ta' Nils Ušakovs
(2023/2091(IMM))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għat-tnejħija tal-immunità ta' Nils Ušakovs, imressqa fl-24 ta' Mejju 2023 mill-Prosekuratur tat-Taqsima ta' Koordinazzjoni tal-Ġlied kontra l-Korruzzjoni tad-Dipartiment tad-Dritt Kriminali tal-Ufficċċu tal-Prosekuratur Ġeneral ta' Riga u trażmessha fl-istess data mill-Prosekuratur Ġeneral tar-Repubblika tal-Latvja, b'rabta mal-proċediment kriminali li għandu jinbeda fir-Repubblika tal-Latvja u mħabba fil-plenarja fl-14 ta' Ġunju 2023,
 - wara li sema' lil Nils Ušakovs, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 29 u 30 tal-Kostituzzjoni Latviana,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0167/2024),
- A. billi l-Prosekuratur tat-Taqsima ta' Koordinazzjoni tal-Ġlied kontra l-Korruzzjoni tad-Dipartiment tad-Dritt Kriminali tal-Ufficċċu tal-Prosekuratur Ġeneral ta' Riga talab it-tnejħija tal-immunità ta' Nils Ušakovs, Membru tal-Parlament Ewropew, elett għal-Latvja, sabiex jinbeda proċediment kriminali kontrih għal reat kriminali li kien jinvolvi tixħima qabel ma twettaq att-illegali fl-interess ta' parti terza permezz tal-użu tal-funzjoni uffiċċali tiegħu, reat li kien jinvolvi l-akkwist ta' proprjetà ta' terzi permezz tal-użu *in mala fide* tal-fiduċja u l-ingann (frodi), fuq skala kbira u fi ħdan grupp organizzat; fl-aħħar nett, bħala uffiċċjal pubbliku li jokkupa pożizzjoni ta' responsabbiltà, huwa wettaq, billi uża l-pożizzjoni uffiċċali tiegħu *in mala fide*, atti intiżi li jwasslu għal konsegwenzi serji, kif imsemmi fl-Artikolu 177(3), l-Artikolu 318(3), l-Artikolu 15(4) u fl-Artikolu 320(4) tal-Kodiċi Kriminali Latvjan;

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C 163/10, ECLI:EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

- B. billi, matul il-perjodu mit-22 ta' Lulju 2017 sas-17 ta' Settembru 2017, Nils Ušakovs, fil-kapaċită tiegħu bħala President tal-belt ta' Riga, u għaldaqstant vestit b'awtorità pubblika bi pożizzjoni ta' responsabbiltà, u barra minn hekk rappreżentant tal-belt ta' Riga bħala azzjonist fil-kumpanija tat-trasport ta' Riga, allegatament talab, fost oħrajn, tixhma lis-sid intermedjarju ta' kumpanija tat-trasport tal-minibuses għal ammont ekwivalenti għal 50 % tas-somom li dik il-kumpanija kienet irċeviet mill-belt ta' Riga talli ttrasportat passiġġieri li kienu intitolati għal tnaqqis fin-nollijiet tat-trasport;
- C. billi Nils Ušakovs ġie elett fil-Parlament Ewropew fl-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju 2019;
- D. billi l-allegat reat ma jikkonċerna l-ebda opinjoni expressa jew vot mitfugħ minn Nils Ušakovs fil-qadi ta' dmirijiet, f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;
- E. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;
- F. billi l-Artikoli 29 u 30 tal-Kostituzzjoni Latvjana jgħidu:

“Artikolu 29

Il-Membri tas-Saeima (il-Parlament Latvjan) la jistgħu jiġu arrestati, la sottoposti għal perkwiżizzjoni tad-domiċilju tagħhom u lanqas ma jkunu limitati, bl-ebda mod, fil-libertà tagħhom, mingħajr il-kunsens tas-Saeima. (...)

Artikolu 30

L-ebda prosekuzzjoni kriminali ma tista' tinbeda fil-konfront ta' membru tas-Saeima u l-ebda multa amministrattiva ma tista' tiġi imposta fuqu mingħajr il-kunsens tas-Saeima.”;

- G. billi, minn naħħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħħa l-oħra, il-Membri ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tnejħiha tal-immunità, jitqies bħala “akkużat”²;
- H. billi l-għan tal-immunità parlamentari huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma’ attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbi minn dawn l-attivitajiet;
- I. billi Nils Ušakovs ma setax iwettaq dan ir-reat kriminali, jiġifieri li jitlob tixħima, allegatament minħabba l-fatt li s-sid intermedjarju tal-kumpanija tat-trasport tal-minibuses ma kienx ta l-kunsens tiegħu biex iħallas ammont daqshekk kbir f'forma ta' tixħima;
- J. billi l-investigazzjoni ma setgħetx tistabbilixxi b’ċertezza l-post u l-ħin preċiżi li fihom seħħew l-allegati reati;
- K. billi l-allegat reati li bihom ġie akkużat Nils Ušakovs twettqu fl-2017 u l-Prosekurur Ġenerali tar-Repubblika tal-Latvja bagħha it-tnejħiha tal-immunità biss fit-23

² Is-sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' April 2019, *Briois vs il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.

ta' Mejju 2023; billi m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni konvinċenti għal tali dewmien fit-teħid ta' azzjoni;

- L. billi, abbażi tal-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet ipprovdu f'dan il-każ, inklużi t-tweġibiet mogħtija mill-Viċi Prosekuratur Ġenerali tar-Repubblika tal-Latvja matul l-iskambju ta' fehmiet miegħu, hemm inċertezza dwar l-evidenza li fuqha hija bbażata t-talba għat-tnejħija tal-immunità u dubji serji dwar il-proċedura, inkluż ir-raġunament sottostanti għat-talba għat-tnejħija tal-immunità;
 - M. billi jirriżulta mill-ġurisdprudenza tal-QĠUE li l-Parlament jiddisponi minn "setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-orientazzjoni li għandu intenzjoni jagħti lid-deċiżjoni fir-rigward ta' talba għat-tnejħija tal-immunità [...] minħabba n-natura politika li għandha tali deċiżjoni"³;
 - N. billi l-koinċidenza ta' tali evidenza konkreta toħloq dubji serji dwar l-intenzjoni possibbli li tiġi mminnata l-attività politika ta' Nils Ušakovs, u għalhekk, fost l-oħrajn, l-attività tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;
 - O. billi għalhekk jidher li dan huwa każ fejn wieħed jista' jassumi l-eżistenza ta' każ ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri "evidenza konkreta"⁴ li tindika li l-prosekuzzjoni inkwistjoni ndbiet bl-intenzjoni li timmina l-attività politika tal-Membru, u b'mod partikolari l-attività tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;
1. Jiddeċiedi li ma jneħħix l-immunità ta' Nils Ušakovs;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tal-Latvja u lil Nils Ušakovs.

³ Is-sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23, il-punt 59 u l-ġurisprudenza msemmija.

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 2020, *Troszczynski vs Il-Parlament*, C-12/19, ECLI:EU:C:2020:725, il-punt 26.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà eskużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 8.4.2024 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Gunnar Beck, Ibán García Del Blanco, Virginie Joron, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Guy Lavocat, Antonius Manders, Nacho Sánchez Amor |